



Brussell, 8 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)

6692/21
ADD 2

CODEC 306
RECH 83
COMPET 147
IND 48
MI 131
EDUC 69
TELECOM 86
ENER 61
ENV 117
REGIO 32
AGRI 107
TRANS 110
SAN 103
CADREFIN 111
IA 30

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru. 1290/2013 u (UE) Nru. 1291/2013 (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni politika konġunta

Dikjarazzjoni politika konġunta dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati f'Orizzont Ewropa

Fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka¹, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jergħu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perijodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta

¹ ĠU C 444I, 22.12.2020, p. 3–3

minn nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għall-Programm Qafas "Orizzont Ewropa" jew il-predeċessur tiegħu "Orizzont 2020", kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja u għas-setgħat tal-Kummissjoni li timplimenta l-baġit, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li d-distribuzzjoni indikattiva ta' dak l-ammont ser tkun kif ġej sa:

- EUR 300 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Diġitali, Industrija u Spazju" b'mod partikolari għar-riċerka tal-kwantum;
 - EUR 100 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"; u
 - EUR 100 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għall-cluster "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva".
-